# Is-Sorijiet tal-Istitut Ġesù Nazzarenu u r-Rakkmu bid-Deheb

*Intervista u kitba ta' Frans Zahra*

Il-Knisja hi d-dar t'Alla u lkoll nifhmu li jixirqilha l-aħjar u nagħmlu sew, inżejnuha b'opri ta' arti li jixirqulha. Mill-antik Testment stess nafu kemm Salamun żejjen it-Tempju, x'rikezza uża għat-Tempju (ara l-ewwel ktieb tas-Slaten kap 5,6 u 7). U l-knejjes tagħna nafu b'liema sagrifiċċji, imħabba, dedikazzjoni u għożża – għax huma d-djar t'Alla - missirijietna żejnuhom b'opri artistiċi ta' pittura, skultura, nduratura arġenterija u rakkmu. U proprju għalhekk dan l-artiklu biex waqt li nitkellmu ma' Sister Vincenza Borg ta' Ġesu Nazzarenu, l-unika soru li fadal min dawk li kienu jaħdmu r-rakkmu, jkun apprezzament lejha u lejn dawk li taw kontribut fil-parroċċa f'dan ir-rigward.

Illum sister Vincenza għandha l-età sabiħa ta' 82 sena.

M: Sister Vincenza kif bdiet il-ħajra tiegħek għar-rakkmu?

T: Il-ħajja kienet fija, tant li meta kienu jgħallmuna n-*needlework* l-iskola dejjem kien ikolli riżultati tajbin. Jien u oħti Vittorja (isimha għall-Bambin, għax aħna Mellieħin, oħti hi wkoll soru tal-istess kongregazzjoni u fil-preżent qiegħda superjura tal-komunità li għandna B'Kara. Hi sentejn ikbar minni) konna naħdmu xogħlijiet tal-'crossstitch' u rakkmu. Konna nużaw ħajt tal-'cotton' u meta l-Bambin tagħni grazzja nsir soru, u l-Madre ta' dak iż-żmien (madre Tereza Degabriele) ratni li naf dan ix-xogħol, barra xogħol ieħor relatat mal-kunvent bħal per eżempju numru ta' tfal li ridt nieħu ħsieb jien, għax dari fl-istitut kellna tfal orfni, tatni wkoll ix-xogħol tar-rakkmu.

M: Meta tiġi biex taħdem id-disinn fuq id-drapp x'kontu tagħmlu?

T: Nieħdu per eżempju terħa ta' artal- din normalment tkun tal-bellus- aħna konna ngħidulha tal-plaxx. Mela konna nġibu tilari –wieħed f'tarf kull naħa tad-drapp/ tat-terħa. Dawn it-tilari konna nużawhom biex iżommu d-drapp stirat. Wara d-disinn li kien ikun fuq karta fina (mhux karta strazza biex niftehmu he!) konna nqiegħduh fuq it-terħa, inxellu d-disinn mad-drapp u nibdew nimlew b'ħajt isfar- kien ħajt apposta. Meta kien ikollna e.ż. għenieqed tal-għeneb post l-għeneb konna nimlewh bit-tajjar b'ħajt tal-cotton isfar, u wara nimlewh b'ħajt tad-deheb. B'hekk l-għeneb kien ikun maħdum imqabbeż. Il-ħajt tad-deheb kien pur, kien ikun ħajt Franċiż u konna nixtruh mingħand wieħed li kienu jgħidulu "ir-Ramli". Kien armat fi triq San Pawl il-Belt Valletta.



Meta kien ikollna xi standard ta' xi soċjetà konna ndendluh u d-disinn konna naħdmuh billi ngħaddu l-labra minn banda għal oħra għaliex l-arma jew l-emblema tkun trid tidher l-istess miż-żewġ naħat. Aħna konna erba' sorijiet fuq dan ix-xogħol tar-rakkmu. Ġieli kien ikollna jgħinuna xi tfal, milli kienu magħna fl-istitut, biex per eżempju inewwlulna l-labra.

M: Rigward id-disinn jiġifieri l-idea?

T: Id-disinn ma konniex noħolquh aħna iżda jinġieb lest minn min jordna x-xogħol. Ħaġa oħra rigward ħjut tar-rakkmu: barra li konna nużaw ħajt tad-deheb konna nużaw ukoll ħjut ikkuluriti, kienu ħjut l-istess, jiġifieri apposta għar-rakkmu. Għaliex jekk konna nirrakkmaw xi arma jew emblema ħin kienet tkun fiha diversi kuluri, mhux kulur wieħed biss.Hawn għandek lista ta' xi xogħlijiet ta' rakkmu li ħdimna aħna s-sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu. Dawk huma biss uħud mix-xogħlijiet.

M: Sister xi ħaġa differenti. Sister barra li kont tirrakkma kont tagħmel xi xogħlijiet oħra?

T: Kont inpitter pajsaġġi, nagħmel *cushions* bil-fjuri mpittra, kont inpitter fuq il-ħġieġ, indur bil-morda tagħna u nagħmel in- nursing, ngħallem id-duttrina u kont indoqq il-vjolin. Għax aħna kellna orkestrina u konna ndoqqu fil-festa tal-kappella, li kif taf hi ddedikata lil Ġesù Nażżarenu u fil-festa tal-Isqof. F'din il-festa tal-isqof konna norganizzaw ukoll reċta u l-Isqof kemm kien jieħu pjaċir. Fil-preżent indoqq l-orgni fil-quddies u l-funzjonijiet tal-kappella. Anki meta kont M'Xlokk jien kont indoqq l-orgni hemm fil-kappella tagħna.

M: Tajjeb li nirreferu wkoll għas-sorijiet li flimkien miegħek kienu jdoqqu.

T: Kien hemm Sister Anna(vjolinċell) Sister Rita (kontrabaxx) Sister Rose, Gemma Consuela, Saverja u jien (vjolini). Naturalment kellna l-akkumpanjament tal-armonju.

Aħna sibna ħafna għajnuna mis-Surmast Carmelo Abela, Alla jaħfirlu. Dan kien vjolinist ma' Maestro Carlo Diacono u kien jidderieġi l-orkestra wkoll kemm dik tal-Laċċi (Circolo Musicale Santa Catarina) u dik tad-Domus.

Fil-Ħajja tiegħi l-Mulej tani grazzja ta' diversi talenti, barra li ħajti hi kkonsagrati Lilu. Ta' dan kollu nroddlu ħajr.

: Sister Vincenza Borg nirringrazzjak.

NB. L-orkestra li kellu d-Domus kienet ukoll taħt it-Treġija ta' Maestro Joseph Spiteri "Pizzieri".

**Xogħlijiet bir-Rakmu tad-Deheb Maħdumin Mis-Sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu**

Żejtun
Mitra lill-Isqof Emanuel Galea, karlotti, l-Arma ta' Galea fuq iż-żraben meta kien imur għall-Pontifikat
Il-Monument tal-Ġimgħa l-Kbira
Standard tal-Każin Beland simbolu biż-żebbuġ

Għawdex
Mitra lill-Isqof Pace

M'Xlokk
Trieħi tal-artali fuq il-plaxx aħmar
Tal-Madonna bis-simbolu tar-Rużarju
Ta' San Vincenz Ferreri simbolu ktieb tal-fidda bil-fjamma fuqu
Tal-Madonna tad-Duluri bis-simbolu Salib
Ta' Santa Katerina bis-simbolu rota tal-martirju
Tal-Madonna tal-Karmnu bis-simbolu il-labtu
Tas-Salvatur bis-simbolu Globu, id-dinja
Żewġ Standardi wieħed aħmar u ieħor abjad tal-Madonna tar-Rużarju
Ħjata tal-Mant sabiħ tal-Madonna ta' Pompej u ħjata tal-bellus tal-bradella sekonda
Ħjata 6 Pjaneti bojod, 3 Pjaneti ħodor, 3 Pjaneti ħomor, 3 Pjaneti vjola
Żewġ Trieħi tal-Artal Maġġur bil-*crochet* u purtiera tad-Tabernaklu.

Rabat
Terħa tal-Artal Maġġur bis-simbolu il-lifgħa
Standard ta' San Ġużepp tal-Patrijiet Franġiskani

Ħal-Għaxaq
Bandalora tal-Ġimgħa l-Kbira SPQR
Standard tal-Banda ta' Santa Marija

Ħal-Qormi
Standard abjad tal-Madonna tar-Rużarju
Velu numerali fuq il-lama tajba bis-simbolu l-ħut

San Pawl il-Baħar
Ventartal tal-Knisja tad-Duluri

Tar-Reġina*
Basket u Żarbun fuq il-lama bajda

Valletta
Bandalora ta' La Vallette

Ħal-Kirkop
Bandalora ta' San Leonardu fuq il-plaxx aħmar

Azzjoni Kattolika
6 Galjardetti bl-arma tal-Azzjoni Kattolika fuq il-kurdine abjad u aħmar

L-Università
Stola bir-rand tad-deheb

* Il-basket u ż-żarbun konna rrakkmajniehom fl1953 fuq rakkmandazzjoni tas-sur Francis Cardona. Kellu fabbrika taż-zraben u handbags biex tahom rigal għall-inkoronazzjoni tal-prinċipessa Eliżabetta meta saret Reġina.